TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 40/12

**Amanda u Warren Azzopardi**

**vs**

**John N. Mallia & Son Ltd. – Draper Place**

Illum 12 ta' Novembru, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Frar, 2012 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' tliet mija u ħamsa w sittin ewro (€365), rappreżentanti prezz ta' *bed base* li meta ġiet ikkonsenjata ma kinitx tixbaħ lil dik li kienet ordnata.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw *bed base* u raw waħda fix-*showroom*, u meta ġiet ikkonsenjata kienet differenti għax rieduha waħda sħiħa.

L-intimat issottometta illi dik kienet l-unika waħda li kellu u li ma ġewx ordnati oħrajn, bid-differenza hi li l-*bed base* hija qisha tnejn ma' xulxin u dik hija li kellhom biex ibiegħu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' l-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti ordnawha hekk kif rawha fix-*showroom*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**